



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 136/21
Lussemburgu, 15 ta' Lulju 2021

Sentenza fil-Kawża C-535/19
A (Kura tas-saħħa pubblika)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi, residenti fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, li jkunu affiljati mas-sistema pubblika ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru ospitanti

Madankollu, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-obbligu ta' affiljazzjoni bla ħlas mal-imsemmija sistema

A, ċittadin Taljan miżżewweġ ma' ċittadina Latvjana, telaq mill-Italja u stabbilixxa ruħu fil-Latvja sabiex jingħaqad mal-mara tiegħu u maż-żewġt itfal minuri tagħhom.

Ftit wara li wasal fil-Latvja, fit-22 ta' Jannar 2016, huwa talab lil-Latvijas Nacionālais Veselības dienests (is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, il-Latvja) sabiex jaffiljah mas-sistema pubblika ta' assigurazzjoni għall-mard obligatorja Latvjana. It-talba tiegħu ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2016, li ġiet ikkonfermata mill-Ministeru tas-Saħħa minħabba li A ma kien jaqqa' taħt ebda waħda mill-kategoriji ta' benefiċjarji tal-kura medika ffinanzjata mill-Istat peress li huwa la kien impjegat u lanqas ħaddiem għal rasu fil-Latvja.

Peress li r-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-awtoritajiet Latvjanji ġie miċħud, A appella quddiem l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja), li wkoll adottat sentenza sfavorevoli għalih.

Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja), adita b'appell ippreżentat minn A, iddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà taċ-ċaħda tat-talba ta' A mill-awtoritajiet Latvjanji mad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma taċ-ċittadinanza u tas-sigurtà soċjali.

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi, residenti fi Stat Membru li ma huwiex dak tal-oriġini tagħhom, li jkunu affiljati mas-sistema pubblika ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċji ta' kura medika ffinanzjata minn dan l-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, madankollu, li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-obbligu ta' affiljazzjoni mingħajr ħlas mal-imsemmija sistema.**

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 883/2004 għal benefiċċji ta' kura medika bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Hija tikkonkludi li benefiċċji ffinanzjati mill-Istat u mogħtija, barra minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, lil persuni li jaqgħu taħt kategoriji ta' benefiċjarji ddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jikkostitwixxu "benefiċċji marbuta mal-mard", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004¹. Dawn il-benefiċċji jaqgħu għalhekk taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-

¹ Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU 2009, L 284, p. 43).

regolament, peress li ma humiex benefiċċji ta' "assistenza soċjali u medika" esklużi minn dan il-kamp ta' applikazzjoni ².

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(3)(e) tar-Regolament Nru 883/2004 kif ukoll l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38 ³ jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi mid-dritt li jkunu affiljati mas-sistema pubblika ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċji ta' kura medika ffinanzjati minn dan l-Istat, iċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi, ċittadini ta' Stat Membru ieħor, li jaqgħu, skont l-Artikolu 11(3)(e) ta' dan ir-regolament, taħt il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru ospitanti u li jeżerċitaw id-dritt ta' residenza tagħhom fit-territorju ta' dan konformement mal-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika, qabelxejn, li, fil-kuntest tas-sistema ta' regoli ta' kunflitt stabbilita mir-Regolament Nru 883/2004 ⁴, intiża li tiddetermina l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ġbir tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, **il-persuni ekonomikament mhux attivi jaqgħu, bħala prinċipju, taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom.**

Hija tenfasizza, sussegwentement, li, meta jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-eżistenza tad-dritt li persuna tiġi affiljata ma' sistema ta' sigurtà soċjali, l-Istati Membri huma obbligati josservaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fis-seħħ. B'mod partikolari, peress li r-regoli ta' kunflitt previsti mir-Regolament Nru 883/2004 huma imposti b'mod imperattiv fuq l-Istati Membri, dawn ma jistgħux jiddeterminaw sa fejn il-leġiżlazzjoni tagħhom stess jew dik ta' Stat Membru ieħor tkun applikabbli.

Għaldaqstant, **Stat Membru ma jistax, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, jirrifjuta li jaffilja mas-sistema pubblika ta' assigurazzjoni għall-mard tiegħu ċittadin tal-Unjoni** li, skont l-Artikolu 11(3)(e) tar-Regolament Nru 883/2004, dwar id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli, jaqa' taħt il-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza l-effett fuq l-affiljazzjoni mas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru ospitanti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38, u b'mod partikolari tal-Artikolu 7(1)(b) tagħha. Minn din l-aħħar dispożizzjoni jirriżulta li, matul il-perijodu kollu ta' residenza fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti ta' iktar minn tliet xhur u inqas minn ħames snin, iċ-ċittadin tal-Unjoni ekonomikament inattiv għandu b'mod partikolari jkollu, għalih u għall-membri tal-familja tiegħu, assigurazzjoni għall-mard kompleta sabiex ma jkunx ta' piż irraġonevoli fuq il-finanzi pubbliċi ta' dan l-Istat Membru.

Fir-rigward tar-rabta bejn din il-kundizzjoni ta' residenza konformi mad-Direttiva 2004/38 u l-obbligu ta' affiljazzjoni li jirriżulta mir-Regolament Nru 883/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża **li l-Istat Membru ospitanti ta' ċittadin tal-Unjoni ekonomikament inattiv jista' jipprevedi li l-aċċess għal din is-sistema ma jkunx bla flas sabiex jiġi evitat li l-istess ċittadin isir piż irraġonevoli fuq il-finanzi pubbliċi tal-imsemmi Stat Membru.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, fil-fatt, li l-Istat Membru ospitanti għandu d-dritt jissuġġetta l-affiljazzjoni għas-sistema pubblika tiegħu ta' assigurazzjoni għall-mard ta' ċittadin tal-Unjoni ekonomikament inattiv, li jirrisjedi fit-territorju tiegħu abbażi tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38, għal kundizzjonijiet, bħall-konklużjoni jew iż-żamma, minn dan iċ-ċittadin, ta' assigurazzjoni għall-mard komprensiva, li tippermetti r-rimbors lill-imsemmi Stat Membru tal-ispejjeż tas-saħħa sostnuti minn dan tal-aħħar favur dan iċ-ċittadin, jew il-flas ta' kontribuzzjoni, minn tali ċittadin, għal tali sistema. Madankollu, huwa l-Istat Membru ospitanti li għandu jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità f'dan il-kuntest u għalhekk li ma jkunx eċċessivament diffiċli għaċ-ċittadin ikkonċernat li josserva tali kundizzjonijiet.

² Abbażi tal-Artikolu 3(5)(a) tar-Regolament Nru 883/2004.

³ Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

⁴ Artikolu 11(3)(e) tar-Regolament Nru 883/2004.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Artikolu 11(3)(e) tar-Regolament Nru 883/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi mid-dritt li jkunu affiljati mas-sistema pubblika tal-assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċji ta' kura medika ffinanzjati minn dan l-Istat, iċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi, ċittadini ta' Stat Membru ieħor, li jaqgħu, skont dan ir-regolament, taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti u li jeżerċitaw id-dritt ta' residenza tagħhom fit-territorju ta' dan konformement ma' din id-direttiva.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux, min-naħa l-oħra, li l-affiljazzjoni ta' tali ċittadini tal-Unjoni ma' din is-sistema ma tkunx mingħajr ħlas, sabiex jiġi evitat li l-imsemmija ċittadini jsiru piż irraġonevoli fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru ospitanti.

TFAKKIRA: Ir-rinviju preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, li jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix it-tilwima nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha taqta' l-kawża b'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni, torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħrajn li jkollhom quddiemhom problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355